**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Mark A. Mercieca]**

**vs**

**Stephen Galea**
**James Mizzi**

**Kumpilazzjoni Numru: 167/18**

**Illum, 20 ta' Marzu, 2018**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Stephen Galea detentur tal-karta tal-identita` numru 241079M.

U

James Mizzi detentur tal-karta tal-identita' numru 536475M akkuzati talli matul ix-xahar ta' Frar 2018 u anka matul ix-xhur ta' qabel minn gewwa mahzen numru 85, Muscat Lane, Sliema, b'diversi atti mghamulin minnhom, ukoll jekk fi zmijiet differenti, kienu jiksru l-istess dispozizzjonijet tal-ligi u kienu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

1. ikkommettew serq ghad-detriment ta Leonard Cuschieri u jew persuni jew entitajiet ohra, liema serq huwa **ikkwalifikat bil-mezz, u bil-valur ta mhux aktar minn 2329.37 ewro**; *Art 261(b)(c), 263(a), 267, 278(2), 279(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta*;

**Lil Stephen Galea wahdu talli**;

2. Talli kiser il-provediment ta' l-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta permezz ta' sentenza mghotija lilu datata 11 ta' Novembru 2016 mill-Magistrat Dr D. Frendo Dimech LL.D liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

**Lil James Mizzi wahdu talli**;

3. Talli kiser il-provediment ta' l-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta permezz ta' sentenza mghotija lilu datata 22 ta' Novembru 2017 mill-Magistrat Dr. D. Frendo Dimech LL.D liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

Il-Qorti giet ukoll mitluba li titratta ma l-imputati bhala recidivi ai termini tal-artikoli **49, 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta**, b'diversi sentenzi moghtija lilhom, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghawx jigu mibdula.

Il-Qorti giet ukoll mitluba li titratta ma **James Mizzi** bhala recidiv ai termini tal-artikolu **289 tal-Kap 9** tal-Ligijiet ta Malta, b'sentenza mghotija lilu nhar il-11 ta' Novembru 2016 mill Magistrat Dr D. F. Dimech lld, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat id-dokumenti.

Semghet provi.

Rat l-artikoli indikati u cioe' l-Artikoli 28A**,** 49, 50**,** 261(b)(c), 263(a), 267, 278(2), 279(a) u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Rat li l-imputati Stephen Galea u James Mizzi ammettew l-akkuzi kif dedotti kontra taghhom.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-ligi, il-Qorti ssib liz-zewg imputati Stephen Galea u James Mizzi hatja tal-ewwel (1) akkuza u tikkundannahom ghal disa' (9) xhur prigunerija kull wiehed u ghat-tieni (2) akkuza kontra Stephen tordna li s-sentenza sospiza imposta permezz ta' sentenza moghtija fil-hdax (11) ta' Novembru 2016 terga' tibda tiddekorri mil-lum, filwaqt li ghat-tielet (3) akkuza kontra James Mizzi tordna li s-sentenza sospiza moghtija fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Novembru 2017 terga' tibda tiddekorri mil-lum.

Inoltre din il-Qorti qed timponi wkoll Ordni ta' Trattament ghaz-zewg (2) imputati Stephen Galea u James Mizzi taht l-Artikolu 412D tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta li ghandu jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Finalment, il-Qorti spjegat fi kliem semplici lill-imupati Stephen Galea u James Mizzi, ir-riperkussjonijiet jekk tali ordni ma tigix obduta.

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**